

# ĠBIR TA' DEJTA TA' BEJGĦ U UŻU TAL-ANTIMIKROBIĊI

*Kitba ta' Stephen Spiteri – Spiżjar Prinċipali Anzjan*
*Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja*
*Dipartiment tas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali*
*Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali*

Kwistjoni dinjija importanti bħalissa hija t-theddida li qed tiżdied tar-reżistenza antimikrobika fejn mediċini importanti bħal antimikrobiċi qed jitilfu l-effett tagħhom. Wieħed mill-modi kif dan il-fenomenu jista' jinftiehem u b'hekk ikunu jistgħu jinstabu l-aħjar soluzzjonijiet huwa billi tinġabar dejta dwar il-bejgħ u l-użu tal-antimikrobiċi.

Permezz tad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja, Malta tiġbor dejta dwar il-bejgħ tal-antimikrobiċi u tipprovdi din id-dejta lill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH, imwaqqfa bħala OIE) u lil European Surveillance of Veterinary Antimicrobial Consumption (ESVAC) tal-European Medicines Agency (EMA). L-aħħar rapport tal-ESVAC jinsab hawnhekk: https://www.ema.europa.eu/en/veterinary-regulatory/overview/antimicrobial-resistance/european-surveillance-veterinary-antimicrobial-consumption-esvac

Hemm sfidi kbar quddiemna għal dal-proġett, peress li sat-28 ta' Jannar 2030 din id-dejta trid tinġabar għall-antimikrobiċi użati fl-annimali kollha (tal-ikel u mhux) li huma mrobbija f'Malta.

Ta' min insemmu li hawnhekk qed nirreferu għal dejta miġbura fuq l-użu tal-antimikrobiċi u mhux biss tal-bejgħ tagħhom, kif qed jinġabar s'issa. Din it-tip ta' dejta hija iżjed diffiċli biex tinġabar u qed isiru sforzi kbar mid-Direttorat f'dan ir-rigward.

Bi tħejjija għal dawn l-isfidi, ġew stabbiliti għadd ta' sistemi innovattivi. Dawn jinkludu r-riċetta veterinarja elettronika u l-pjattaforma elettronika assoċjata magħha (My Pet/My Farm), fejn jistgħu jinżammu rekords tat-trattament tal-annimali. Barra minn hekk, ġew ippubblikati liġijiet ġodda jew qed jgħaddu proposti għalihom. Dawn il-liġijiet se jgħinu biex imexxu 'l quddiem l-ambizzjonijiet ta' Malta f'dan il-qasam. Fost dawn l-ambizzjonijiet jistgħu nsemmu l-pubblikazzjoni ta' ATT Nru XIV, ippubblikat fit-28 ta' Ottubru 2022 u daħal fis-seħħ fit-28 ta' Diċembru 2022 u li emenda Kapitlu 437, L-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Ix-xjentisti, il-kirurgi veterinarji u dawk li jfasslu l-politika jistgħu jużaw ir-riżultati tal-ġbir tad-dejta bħala referenza għal politika kontra r-reżistenza antimikrobika, u biex joħorġu linji gwidi dwar l-użu prudenti tal-antimikrobiċi. Bil-politika tajba kontra r-reżistenza antimikrobika nittamaw li nnaqqsu l-użu ġenerali tal-antimikrobiċi u ninkoraġġixxu l-użu ta' alternattivi għall-antimikrobiċi, użu aktar estensiv tal-vaċċini u użu aħjar tal-għodod dijanjostiċi.

Jekk din id-dejta ma tinġabarx kif suppost, kwalunkwe konklużjonijiet miġbuda mid-dejta jkunu żbaljati u jistgħu saħansitra jiddevjaw it-tentattivi biex jiġu stabbiliti l-miżuri xierqa msemmija fl-Istrateġija u Pjan ta' Azzjoni għall-Prevenzjoni u l-Konteniment tar-Reżistenza Antimikrobika f'Malta 2020-2028.

Konklużjonijiet żbaljati jistgħu jwasslu għal azzjonijiet mhux xierqa li jistgħu jagħmlu aktar ħsara milli ġid. Id-dejta miġbura tiġi pproċessata bil-mod standard skont struzzjonijiet mill-ESVAC u WOAH. L-iċken typo jew żball numeriku (anke punt mitluf jew numru żejjed) jistgħu jiddevjaw mill-figura vera. Huwa kruċjali li dik li tissejjaħ kopertura sħiħa tad-dejta tkun dik kompleta u li tirrifletti verament liema antimikrobiċi qed jintużaw u b'liema kwantitajiet. L-għan finali huwa dak li jintlaħqu l-miri tal-istrateġija tal-UE msejħa From farm to fork, li hija fil-qalba tal-European Green Deal. L-istrateġija From farm to fork għandha l-għan li tagħmel is-sistemi tal-ikel ġusti, f'saħħithom u favur l-ambjent filwaqt li l-European Green Deal tgħaqqad flimkien is-saħħa tal-bnedmin u dik tas-soċjetà mad-dinja tagħna f'saħħitha għal kull ħlejqa. Din toħloq kwalità ta' ħajja tajba u ħarsien tan-natura.

Id-dejta dwar il-bejgħ tal-antimikrobiċi tinġabar billi l-fornituri tad-dejta jintalbu jipprovdu d-dejta dwar il-bejgħ permezz ta' formula standard li tintbagħat permezz tal-posta elettronika fl-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena. Il-fornituri tad-dejta għandhom jirritornaw il-formola mimlija sal-aħħar ta' Frar tas-sena ta' wara. Il-formula standard hija bbażata fuq formola tal-ESVAC. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-fornituri tad-dejta jimlew il-formola manwalment u jibagħtuha skenjata permezz tal-posta elettronika. Id-dejta tgħaddi mit-tieni jew saħansitra mit-tielet reviżjoni sakemm tkun tista' tiġi aċċertata l-eżattezza tagħha. Id-Direttorat tar-Regolamenti Veterinarji juża d-dokumenti uffiċjali kollha disponibbli, bħas-sommarju tal-karatteristiċi ta' kull prodott, biex jaċċerta l-eżattezza tad-dejta. Ġiet identifikata ħtieġa biex titjieb il-kwalità tad-dejta pprovduta mill-fornituri tad-dejta lid-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja. Għal din ir-raġuni qed tiġi studjata sistema ġdida ta' ġbir tad-dejta.



Bħalissa, il-fornituri tad-dejta fuq il-bejgħ huma n-negozjanti bl-ingrossa tal-antimikrobiċi. Però biex jintlaħqu l-għanijiet tal-proġett, id-dejta dalwaqt se tibda tinġabar ukoll mill-irziezet u anke mingħand il-kirurgi veterinarji.

Għall-aħjar effiċjenza fir-rigward tal-ġbir tad-dejta dwar l-użu tal-antimikrobiċi huwa aħjar jekk eventwalment tintuża biss ir-riċetta veterinarja elettronika bħala l-uniku sors ta' ġbir tad-dejta. Sors wieħed huwa aktar maniġġabbli. Barra minn hekk jevita dħul doppju tad-dejta. Sistemi paralleli jirriskjaw li jintroduċu dħaliet doppji, jew jonqsu milli jidentifikaw xi figuri. Ġbir parzjali ta' dejta minn riċetta veterinarja stampata, ġbir parzjali tal-istess dejta minn rekords tal-annimali miżmuma fl-irziezet u ġbir parzjali tal-istess dejta miksuba minn rekords miżmuma minn stabbilimenti veterinarji, jistgħu jipproduċu riżultati mhux preċiżi. Dan aħjar jiġi evitat għax iżid ukoll xogħol amministrattiv għalxejn.

Wieħed jinnota li paragun ma' riċetta veterinarja elettronika, il-kopji stampati tar-riċetti veterinarja jkollhom ħafna partijiet minnhom li ma jimtlewx sew, ma jimtlew xejn jew tintuża kaligrafija li ma tingħarafx. L-istess jista' jingħad għar-rekords tal-annimali miżmuma fir-razzett. Ġiet identifikata ħtieġa li dan jiġi rimedjat sabiex id-dejta tkun tista' tkun aċċessibbli. Ir-riċetta elettronika veterinarja u l-pjattaforma elettronika assoċjata magħha (My Pet/My Farm) jindirizzaw din il-kwistjoni. Barra minn hekk, xi kirurgi veterinarji jistgħu ma joħorġux riċetta veterinarja meta jipprovdu jew jamministraw l-antimikrobiku huma stess. Idealment, ma jkunx hemm eżenzjonijiet għal dan u għandha tinħareġ riċetta veterinarja fil-każijiet kollha, anke meta l-mediċini jiġu fornuti jew amministrati mill-kirurgu veterinarju nnifsu. B'dan il-mod, il-kopertura tad-dejta tkun kompluta (kopertura sħiħa kif sħaqna fil-bidu ta' dan l-artiklu) u ma jinħoloq ebda vojt. Id-dejta trid tiġi ffiltrata sabiex jiġi żgurat li ma jsirux dħaliet doppji u li l-fornituri kollha identifikati tad-dejta jkunu pprovdew din l-informazzjoni. Id-dejta trid tiġi analizzata matul il-proċess kollu sabiex jiġu identifikati kwalunkwe anomaliji u inezattezzi li jistgħu jiġu trasferiti għall-istadji li jmiss.